MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2014

Talba Numru. 190/2013

**Cachia Joseph
ID-357151-(M)**

**vs**

**Baxter Limited (C-3275) u Baxter (Malta) Trading Company Limited (C-26118) ghal kull interess li jista' jkollha**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur iddikjara illi ghamel aktar minn erbgha u ghoxrin-(24) sena impjegat mas-socjeta' konvenuta bhala *Planning analyst* u rtira mix-xoghol fis-17 ta' April, 2012; Illi s-socjeta' konvenuta naqset milli thallas lill-attur *service gratuity* matul il-medda ta' snin li huwa hadem mal-istess socjeta', liema *service gratuity* kien imwieghed lilu u kif fil-fatt thallsu ex-impjegati ohra; Illi s-somma totali ta' *service gratuity* hija ta' mija tmienja u hamsin ewro u hdax-il centezmu (€158.11c)

ekwivalenti ghall-paga minima multiplikata ghan-numru ta' snin li dam jahdem mas-socjeta' konvenuta u cioe' erbgha u ghoxrin sena-(24), li jammontaw ghal tlett elef, sebgha mija, erbgha u disghin ewro u erbgha u sittin centezmu (€3,794.64c); Illi l-attur qed jirriduci din is-somma ghal tlett elef, erbgha mija u erbgha u disghin ewro (€3,494) in linea mal-kompetenza ta' dan l-Onorabbli Tribunal; Illi s-socjeta' konvenuta ghalkemm interpellata biex thallas tali somma baqghet inadempjenti; Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza; Tghid ghalhekk is-socjeta' konvenuta ghaliex dan l-Onorabbli Tribunal m'ghandhux jikkundannaha thallas is-somma ta' tlett elef, erbgha mija u erbgha u disghin ewro (€3,494) u oltre l-imghaxijiet fuq l-istess skont il-ligi.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittri gudizzjarji datata 15 ta' Jannar, 2013, b'dana illi s-socjeta' konvenuta hija ngunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-socjetajiet konvenuti li eccepew illi dak mitlub mhux dovut. Is-*service gratuity* li ghaliha jirreferi l-attur mhux beneficcju statutorju jew kuntrattwali applikabbli ghalih. Fi kwalunkwe kaz, ir-rikorrent qisu qed jasserixxi xi tip ta' diskriminazzjoni u ghalhekk dan it-Tribunal mhux kompetenti.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi l-attur gie impjegat permezz ta' kuntratt ta' impieg datat 5 ta' Settembru, 1988 mis-socjeta' *Medical & Hospital Produts Limited*, illum is-socjeta' konvenuta. Illi l-kariga tieghu kienet ta' *line supervisor*, u ghalkemm il-kuntratt in kwistjoni kien ghal perjodu ta' sitt-(6) xhur, hu baqa' ghaddej fl-impieg tieghu, u eventwalment inghata *promotion* ghal grad ta' *planning analyst*. Illi l-attur spicca mill-impieg tieghu gheluq il-wiehed u sittin-(61) sena fis-17

ta' April, 2012. Illi qabel ma spicca l-impieg tieghu, hu avvicina lill-amministrazzjoni tas-socjetajiet konvenuti dwar is-*service gratuity* li kienet dovuta ai termini tal-ftehim kollettiv, izda l-*Human Resources Manager* informah illi kellu jikkonsulta mal-*General Manager* dwar jekk din kellhix tithallas lilu, o meno. Illi xi ftit taz-zmien wara li kien spicca l-impieg tal-attur, hu gie informat illi ma kienitx ser tithallas lilu l-*gratuity* imsemmija. Illi tul iz-zmien li dam impjegat mas-socjeta' konvenuta, jew min minnhom, ir-relazzjoni tax-xoghol tal-attur kienet wahda tajba.

Illi xehed Rosario Schembri, li kien dam impjegat mas-socjetajiet konvenuti ghal tnejn u ghoxrin (22) sena, u kien jokkupa l-kariga ta' *Human Resources Manager*. Illi skont dan l-istess xhud, l-impieg tal-attur ma kienx direttament kopert, jew ahjar regolat, bil-*collective agreement*; madanakollu, iddikjara illi kien hemm xi klawsoli f'dan il-ftehim illi kienu jolqtu lill-attur. Illi ddikjara li l-kariga inizjali li kellu l-attur kienet fil-qasam tal-produzzjoni, izda eventwalment wara li nghata promozzjoni, l-kariga tieghu kienet fil-qasam amministrattiv. Iddikjara illi dawk il-klawsoli li jirrigwardaw il-leave, kienu japplikaw ghall-impjegati kollha. Illi dwar is-*service gratuity* li hija l-mertu ta' din il-kawza, din kellha tapplika fir-rigward ta' persuni li l-impieg taghhom jigi terminat minhabba ragunijiet ta' sahha, jew f'kaz li l-impjegat johrog bil-pensjoni, u ghalhekk jipsicca bl-eta'. Illi l-intendiment dwar din il-*gratuity* kien illi din kellha tapplika fil-konfront tal-impjegati kollha, tant illi kellha tigi kkalkolata fuq il-*minimum wage* ta' dik is-sena partikolari, u mhux il-paga ta' kull impjegat individwali, immultiplikat b' kemm il-sena servizz ikun inghata minn dak l-impjegat fi hdan dik is-socjeta' li jkun impjegat maghha. Iddikjara illi meta hu spicca mill-impieg tieghu fl-2004, din il-*gratuity* hu rceviha. Illi fid-diskussjonijiet li kienu saru meta kienet ser tigi introdotta din l-iskema, dejjem kien hemm l-intendiment illi dan il-beneficcju jkun applikabbli fir-rigward tal-impjegati kollha.

Illi mistoqsi jekk kienx hemm impjegati ohra fil-qasam amministrattiv li spiccaw mill-impieg taghhom bl-eta' u jekk dawn inghatawx is-*service gratuity*, iddikjara li jaf li

kien hemm certu Montebello, u possibilment persuna ohra, certu Joe Farrugia. Illi dwar id-diskussjonijiet li saru mal-*management* tas-socjetajiet konvenuti dwar l-applikabilita' ta' dan il-beneficcju ghall-impjegati, u jekk dawn id-diskussjonijiet gewx ikkommunikati lill-impjegati, ix-xhud iddikjara illi dawn ma gewx ikkommunikati formalment, bhal per ezempju b'cirkolari, izda semplicement *by word of mouth*.

Illi x-xhud Carmel Montebello ddikjara li hu hareg bil-pensjoni f'Ottubru, 2004, u li ma tmiem l-impieg tieghu nghata s-*service gratuity* imsemmija. Illi hu spjega illi ttiehdet il-paga minima applikabli ghal dak iz-zmien u giet moltiplikata bis-snin li dam jahdem hemm, u cioe' erbgha u ghoxrin-(24) sena fil-kaz tieghu.

Illi r-rapprezentant tas-socjetajiet konvenuti, u aktar precizament il-Human Resources Manager taghhom, iddikjara illi l-*gratuity* mertu ta' din il-kawza huma ntitolati ghaliha unikament ix-*shop floor employees,* u l-attur ma jifformax parti minn dan il-korp ta' impjegati ghaliex kien parti mill-istaff u kien impjegat b'kuntratt personali. Illi dwar il-persuna l-ohra li spiccat bl-eta' minn mas-socjeta' konvenuta, u cioe' John Farrugia, iddikjara illi lanqas dan ma bbenefika minn dan il-beneficcju jew xi beneficcju simili. Illi skond dan l-istess xhud, l-impieg tal-attur mas-socjeta' konvenuta kien regolat bil-kuntratt ta' impieg tal-5 ta' Settembru, 1988. Illi kkonferma wkoll illi huwa minnu li kien hemm xi klawsoli fil-ftehim kollettiv illi kienu japplikaw fir-rigward tal-istaff b'mod generali, u mhux limitatament fir-rigward tax-*shop floor employees*, u dawn kienu jirrigwardaw is-*sick leave*, kif ukoll *leave* in bazi ghal *seniority*, kif ukoll is-*sickness bonus*. Illi mistoqsi jekk il-kariga li fiha kien impjegat originarjament l-attur tikkwalifikax bhala fil-grad ta' *shop floor employee*, iddikjara illi le, u li kien jikkwalifika bhala staff fi hdan is-socjeta' konvenuta.

Ikkunsidra,

Illi l-kontestazzjoni tas-socjetajiet konvenuti, jew ahjar is-socjeta' Baxter Limited – li maghha jidher li kien impjegat

l-attur – ghat-talba tal-attur ghall-hlas tas-*service gratuity* mertu ta' din il-kawza, issib il-bazi taghha fil-fatt illi l-impieg tal-attur mas-socjeta' konvenuta, jew ahjar il-predecessur taghha *Medical & Hospital Products Limited*, huwa regolat minn kuntratt ta' impieg *ad hoc* – u cioe' il-ftehim datat 5 ta' Settembru, 1988 – u li ghalhekk ir-relazzjoni ta' xoghol bejn il-partijiet kontendenti hija unikament regolata minn tali ftehim. Illi s-socjetajiet konvenuti jikkontendu illi l-ftehim kollettiv li ghalih ghamel referenza l-attur, mhux applikabbli fil-konfront tieghu, u gialadarba din il-*gratuity* la tirrizulta mill-kuntratt ta' impieg u lanqas m'hi obbligu statutorju impost fuq min ihaddem, allura tali beneficcju mhux pagabbli lil-attur. Illi s-socjetajiet konvenuti jsostnu illi l-ftehim kollettiv minn fejn tirrizulta din is-*service gratuity* japplika in rigward u jirregola biss l-impieg ta' *shop floor employees*, u cioe' impjegati azjendali, filwaqt illi l-attur kien parti mill-qasam amministrattiv tas-socjeta' konvenuta.

Illi dan l-aspett dwar l-applikabilita' o meno ta' ftehim kollettiv fir-rigward ta' impjegat li jkun iffirma wkoll kuntratt ta' impieg, gie trattat fil-kawza fl-ismijiet **Saviour Sammut vs Auto Sales Limited** (Appell Civili Numru 4/2005) deciza fid-19 ta' Ottubru, 2005, liema kawza madanakollu, kienet tittratta dwar terminazzjoni ingusta ta' impieg. Illi f'din id-decizjoni l-Qorti ghamlet referenza ghal-ligi Taljana, fejn fl-Artikolu 2077 tal-Kodici Civili Taljan hemm stipulat illi;

"*I contratti individuali di lavoro tra gli appartenenti alle categorie alle quali si riferisce il contratto collettivo devono uniformarsi alle disposizioni di questo. Le clausole difforme dei contratti individuali, preesistenti o successive al contratto collettivo, sono sostituite di diritto da quelle del contratto collettivo salvo che contengono speciali condizioni piu' favorevoli ai prestatori di lavoro."*

Illi l-Qorti rrilevat illi ghalkemm ma hemm ebda korrispettiv ghal dan l-artikolu fil-legislazzjoni taghna, madanakollu kompliet biex iddikjarat kif gej:

"*Fil-kaz tal-ligi taghna l-uniku provvediment li jqarreb lejn l-ahhar parti tal-precitat artikolu tal-Kodici Civili Taljan huwa l-Artikolu 42 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan limitatament, pero', fis-sens illi jekk kuntratt ta' servizz individwali jew ftehim kollettiv jikkontjeni kondizzjonijiet anqas favorevoli ghall-impjegat minn dawk dettati mill-Att innifsu, huma l-provvedimenti ta' l-Att li jimperaw; Ferma din ir-riflessjoni, kif ukoll il-fatt inkontrovers illi kif jirrizulta l-uniku kuntratt specjali sar biss fil-kaz ta' l-appellat, u mhux ukoll fil-kaz ta' l-impjegati l-ohra azjendali fl-istess klassi tieghu hekk regolati mill-Ftehim Kollettiv, tinsorgi l-mistoqsija jekk it-Tribunal Industrijali kienx marbut li josserva u japplika b'mod esklussiv it-termini tal-kuntratt partikolari ta' impieg, u xejn aktar minn hekk. Din il-Qorti ftit ghandha dubbji illi ghal tali kwezit it-Tribunal kien fid-dover li jesplora kull cirkostanza attendibbli biex jassikura, jivvalora u jiddetermina jekk tabilhaqq kienitx tezisti kawza sufficjenti ghal licenzjament. Tali ezercizzju kellu allura jikkomprendi l-Ftehim Kollettiv.*"

Illi ghalkemm il-fatti specie ta' dik il-kawza kienu differenti minn dawk trattati fil-kawza odjerna, stante illi dik il-kawza kienet tittratta dwar tkeccija ingusta ta' impjegat, filwaqt illi din odjerna tittratta dwar intitolament, o meno, ghal hlas ta' beneficcju rizultanti minn ftehim kollettiv, madanakollu, il-principji li gew diskussi u trattati f'dik il-kawza japplikaw ukoll ghall-kaz odjern. Illi ghalkemm mhux ikkontestat illi l-impieg tal-attur mas-socjeta' konvenuta kien regolat inizzjalment mill-kuntratt ta' impieg tal-1988, madanakollu, minn tali ftehim jirrizulta wkoll illi l-impieg tieghu kien ghal perjodu definit ta' sitt-(6) xhur, li bdew jiddekorru mill-5 ta' Settembru, 1988. Illi in segwitu ghal tali kuntratt, u wara li dan il-perjodu spicca, l-attur baqa' fl-impieg tieghu mas-socjeta' konvenuta, u jidher illi ma gie ffirmat ebda kuntratt iehor, lanqas wiehed sabiex jigi estiz iz-zmien imsemmi fil-kuntratt ta' impieg originali. Illi s-socjeta' konvenuta tikkontendi illi ladarba meta l-attur spicca mill-impieg tieghu bl-eta' minn mal-istess socjeta' konvenuta hu kien jokkuppa kariga fil-qasam amministrattiv tas-socjeta' konvenuta, allura ma jistax jitqies bhala *shop floor employee*, u li ghalhekk il-Ftehim Kollettiv datat 22 ta'

Ottubru, 2012 (a fol. 17 *et seq.* tal-atti) ma kienx applikabbli ghall-istess attur.

Illi t-Tribunal ma jaqbilx ma tali asserzjoni, u dan in bazi ghas-segwenti fatti illi rrizultaw mill-provi mressqa f'din il-kawza. Illi fl-ewwel lok issir referenza ghad-deposizzjoni ta' Rosario sive Louis Schembri, li ddikjara illi hu kien jokkupa l-kariga ta' *Human Resources Manager* fi hdan is-socjeta' konvenuta, u dan iddikjara illi meta hu telaq mill-impieg tieghu minn mas-socjeta' konvenuta fl-2004, hu rcieva din is-*service gratuity*. Illi huwa pacifiku illi l-kariga ta' *Human Resources Manager* sigurament ma tikkwalifikax bhala *shop floor employee*, u minkejja f'dan, tali beneficcju thallset lil dan l-impjegat. Illi l-istess japplika f'dak li jirrigwarda impjegat iehor, certu Carmel Montebello, li wkoll ddikjara illi meta spicca l-impieg tieghu bl-eta' minn mas-socjeta' konvenuta, hu wkoll rcieva din is-*service gratuity*. It-Tribunal jirrileva illi fl-affidavit tieghu, dan ix-xhud naqas milli jiddikjara x'kariga kien jokkupa fi hdan is-socjeta' konvenuta meta spicca l-impieg tieghu f'Ottubru tal-2004; madanakollu, Joe Camilleri, il-*Human Resources Manager* attwali tas-socjeta' konvenuta, meta mistoqsi dwar il-*gratuity* mhallsa lil dan l-impjegat, fl-ebda waqt ma rrileva illi dan seta' kien intitolat ghal din il-*gratuity* ghaliex ma kienx parti mill-qasam amministrattiv tas-socjeta' konvenuta, u ghalhekk huwa ferm probabbli illi anke dan l-impjegat kien jifforma parti mill-qasam amministrattiv tas-socjeta' konvenuta meta wasal fit-tmiem l-impieg tieghu.

Illi oltre dan, u fit-tieni lok, issir referenza kemm ghad-deposizzjoni tax-xhieda ta' Rosario Schembri, kif ukoll ta' Joe Camilleri, li t-tnejn okkuppaw il-kariga ta' Human Resources Manager fi hdan is-socjeta' konvenuta – dak tal-ewwel sal-2004, u tal-ahhar fil-prezent – li t-tnejn iddikjaraw illi hemm uhud mill-artikoli tal-Ftehim Kollettiv tal-2012 li huma applikabbli fir-rigward tal-impjegati kollha tas-socjeta' konvenuta. Illi l-provvedimenti li saret referenza ghalihom kienu dawk li jirregolaw il-*leave* tal-impjegati, senjatament dawk rizultanti mill-klawsola 11 (i) tal-Ftehim Kollettiv, kif ukoll dwar *sick leave*, fost ohrajn. Illi tenut kont ta' dan il-fatt, it-Tribunal huwa tal-fehma illi

m'hemm ebda raguni valida ghalfejn m'ghandhix tkun applikabbli fil-konfront tal-impjegati kollha wkoll, allura, il-klawsola numru 33 tal-istess Ftehim Kollettiv, li tittratta dwar is-*service gratuity*. Illi *ai fine dei conti*, u applikat b'mod analogu l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawza hawn fuq citata ghall-kaz odjern, ladarba kuntratt ta' servizz individwali jkun jikkontjeni kundizzjonijiet anqas favorevoli ghall-impjegat minn dawk dettati mill-Ftehim Kollettiv, allura l-impjegat ghandu jibbenefika minn tali kundizzjonijiet kontenuti fil-Ftehim Kollettiv, bhal ma kien qed jigri fi kwalunkwe kaz f'dak li jirrigwarda l-*leave entitlement* tal-impjegati. Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi ghalhekk ghandu japplika l-istess principju f'dak li jirrigwarda l-intitolament tal-attur ghal dan is-*service gratuity*, bhal ma din thallset lill-impjegati ohra qablu li strettament ma kienux regolati lanqas huma mill-Ftehim Kollettiv.

Illi fl-ahhar lok it-Tribunal jaghmel referenza ghad-decizjoni li nghatat fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Sammut vs Francis Vassallo noe et** (826/1994 TM) deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Ottubru, 2002, li fiha gie dikjarat illi;

"*Jekk l-impjegat qabel ma gie mkecci, kien intitolat ghal xi beneficcji li ma lahaqx ha, huwa xorta jibqa' intitolat ghalihom u l-ordni ghall-hlas tista' tinghata biss mill-Qrati ordinarji u mhux mit-Tribunal Industrijali.*"

Illi din l-azzjoni kienet tittratta, fost ohrajn, dwar hlas ta' *service gratuity*, u l-Qorti Civili ddikjarat ruhha kompetenti sabiex tiddecidi dwar jekk l-impjegat kienx intitolat ghalihom, o meno. Illi ghalhekk, u applikat dan l-insenjament ghal-kaz in ezami, ghandu japplika dan l-istess principju anke fir-rigward tal-kaz odjern.

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, it-Tribunal ser jghaddi sabiex jilqa' t-talba tal-attur. Illi t-Tribunal jinnota illi s-socjetajiet konvenuti ma resqu ebda kontestazzjoni dwar l-ammont reklamat, u ghalhekk, jqis illi l-ammont reklamat mill-attur huwa wiehed korrett u gust, in kwantu gie kkalkolat in bazi ghall-kriterji stabbiliti fil-klawsola

relattiva tal-Ftehim Kollettiv, u ser jghaddi sabiex jakkolji t-talba tieghu ghall-hlas tal-imsemmi ammont. Illi t-Tribunal jinnota wkoll illi ma tqajjmet ebda eccezzjoni mis-socjetajiet konvenuti illi xi wahda minnhom m'hix il-legittimu kontradittur, u ladarba tul il-proceduri ma giex puntwalizzat liema wahda minn dawn iz-zewg socjetajiet hija l-legittimu kontradittur, u lanqas ma ntalbet dikjarazzjoni illi xi wahda minnhom ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, allura t-talba tal-attur ser tigi milqugha kif rivolta fil-konfront taz-zewg socjetajiet konvenuti.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti, jilqa' t-talba tal-attur, u jordna lis-socjetajiet konvenuti solidalment bejniethom, sabiex ihallsu lill-attur is-somma ta' tliet elef, erba' mija, erbgha u disghin euro (€ 3,494.00) bl-imghax mid-data tal-prezenti.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mis-socjetajiet konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------